Laqgħa Numru 25

It-Tlieta, 15 ta' Diċembru 2020.

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Ċentru Ċiviku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, fil-5:30 ta' filgħaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Ivan Cefai – Viċi Sindku
Karl Buttigieg – Kunsillier
Joseph Buttigieg – Kunsillier
Valerie Cassar Mejlak – Kunsillier

Uffiċjal Preżenti:
Miriam Attard – Deputat Segretarju Eżekuttiv

Billi m'attenda ħadd għall-laqgħa tal-lokalita' li kienet skedata għall-llum fil-5:00 ta' filgħaxija, il-membri qablu li għandha tibda l-laqgħa tal-Kunsill.

**Minuti**

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresieda l-laqgħa.

**25.1 Qari tal-ittri tal-apoloġija**

Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

**25.2 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti.**

Wara li saru xi korrezzjoniijiet, ġew approvati l-minuti tal-laqgħat numri 22, 23 u 24.

**25.3 Komunikazzjoni mis-Sindku**

25.3.1 Is-Sindku qal li qorob sabiex jinbeda x-xogħol fil-*playing field* Maġistrat Salvu Attard. Is-Segretarju Eżekuttiv għandha tiffirma l-*Letter of Acceptance* (LA) li talabha il-Perit Godwin Sultana.

25.3.2 Dwar is-*cement* li ngħata fi Triq il-Wardija, is-Sindku qal li kellu ħafna lmenti u kien hemm min anke' seta' jfittex lill-Kunsill minħabba li bil-ħofor li kien fiha kien hemm min nqassmulu t-*tyres* tal-karozza. Il-membru Joseph Buttigieg qal li kif jistgħu iffittxu l-Kunsill jekk din it-triq ma taqax taħt il-Kunsill. Is-Sindku qal li l-ewwel kienu ser jingħataw sitt jardi konkos u daħlu l-ilmenti biex jitranġaw il-ħofor kollha. B'kollox ingħataw 18 'il jarda konkos. Is-Sindku tenna li kien hemm bżonn urġenti li jingħata dan il-konkos. Joseph Buttigieg staqsa jekk dan ix-xogħol issemmiex qabel, waqt xi laqgħa preċedenti, li kien ser isir. Żied li darb' oħra il-membri tal-kunsill għandhom jiġu nfurmati minn qabel li ser isir dan ix-xogħol. Staqsa

wkoll min ser iħallas dan ix-xogħol. Is-Sindku qal li dan ser jitħallas mill-Kunsill u wara ser jiġi rifondut mill-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma (WSC). Joseph Buttigieg staqsa jekk il-Kunsill għandux dan bil-miktub. Is-Sindku qal li le, pero' ser ikollu bil-miktub iktar il-quddiem.

---

Hawnhekk il-membru Joseph Buttigieg talab li jressaq u jaqra ittra miktuba minnu qabel titkompla l-laqgħa. Il-membri ma sabux oġġezzjoni. L-ittra hi annessa f'dokument A

Is-Sindku għamel intervent u qal li hu qatt ma qal xejn meta Joseph Buttigieg m'attendiex għall-laqgħa. Rigward il-*playing field* qal li malli reġa' tela' Sindku, il-Kunsill applika dritt mal-Awtorita' tal-Ippjanar (PA) għall-permessi neċessarji. Kien hemm diversi ntoppi fosthom il-bandli għall persuni b'diżabilita' fejn kellu jerġa jinbeda l-proċess għall-applikazzjoni tal-PA. Is-Sindku qal li sabiex ġew akkwistati l-fondi għaddew ukoll sitt xhur. Kif diġa' qal, fil-preżent li jonqos hu li s-Segretarju Eżekuttiv tiffirma l-*LA*. Joseph Buttigieg qal li issa ma baqax skużi sabiex jinbeda x-xogħol.

---

## 25.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsillieri u korrispondenza

25.4.1 Il-Viċi Sindku Ivan Cefai ressaq dettalji fir-rigward tal-pannelli. Dawn ġew ippostjati fuq il-Bejt tal-Kunsill u jistgħu jiżdiedu. Id-Direttur Joseph Cutajar jirrakkomanda li jsir ġibjun fejn kien hemm il-pannelli qabel, anke' minħabba d-*drip irrigation system*. Is-Sindku ssuġġerixxa li l-*pipe* li jsir ikun wiesgħa mal-4 pulzieri biex jilqa' kemm jista' u jsir mutur bil-pompa *3 phase* biex ittella' l-ilma. Il-Kunsill għandu japplika għall-*metre 3 phase* u tinħareġ offerta sabiex dawn jintramaw u jiġu kkumnikati.

25.4.2 Il-Viċi Sindku qal li l-*gazebos* jistgħu jitranġaw permezz tal-ħaddiema tal-Gvern u possibilment jintuża injam iroko. Żied li n-nixxiegħa qed titlef l-ilma pero' ser jippruvaw li titħaddem. Dwar id-*dog park*, qed jistennew li jiġu assenjati xi ħaddiema tal-Gvern u anke' jitranġa l-*fence*. Karl Buttigieg irrimarka sabiex tingħata attenzjoni sabiex il-lapida eżistenti ma tiġix f'nofs id-*dog park*. L-area għandha tinħarat.

25.4.3 Joseph Buttigieg qal li nbeda l-proċess biex jinstab min hu s-sid tal-Mitħna ta'Sufa.

25.4.4 Valerie Cassar Mejlak semmiet it-tnehdija tal-ktieb miktub mis-Sur Euchar Mizzi li kellha tiġi posposta minħabba l-Covid 19. Hi ssuġġeriet li peress li l-ktieb marbut mal-*area* tal-Kunċizzjoni, it-tnehdija issir fuq iz-zuntier tal-Knisja tal-Kunċizzjoni. Il-membri ma sabux oġġezzjoni.

25.4.5 Id-Dipartiment għal Gvern Lokali bagħat l-allokazzjoni finanzjarja għas-sena 2021. Din tammonta għall-€355,704.

25.4.6 Dwar l-ittra li ntbagħtet lis-sidien tat-trakkijiet li għandhom permess sabiex jgħaddu kontra s-sistema tal-*one way* għat-trakkijiet fil-lokalita' tal-Qala, attendiet persuna u ġie spjegat

lilha li t-trakkijiet għandom jgħaddu dejjem skont ir-rotot maqbula, jiġifieri jidħlu minn Triq il-Kunċizzjoni u joħorġu minn Triq il-Wileġ.

25.4.7 *Email* mir-Reġjun Għawdex rigward spejjeż relatati mas-sistemi ta' *live-streaming* u *VoD*. Din sabiex il-kunsilli jiġu rimborsati għal dawn l-ispejjeż.

25.4.8 *Email* mir-Reġjun Għawdex rigward suġġeriment għat-tfassil ta' offerta għas-servizz ta' *preventive & routine maintenance* tal-i*street lighting* devolut lir-Reġjun Għawdex.

25.4.9 Ittra mingħand John Paul Cefai għan-nom ta' 'Radju Leħen il-Qala' sabiex jipprovdu s-servizz ta' *audio entertainment* fi Triq it-28 t'April 1688. Dan is-servizz ikun jinkludi mużika tal-Milied addattata sabiex jgħin lir-residenti jidħlu aktar fl-ispirtu tal-festi tal-Milied. Is-servizz jiswa €900.

25.4.10 Dwar *Tender for the Supply of pots, trees and plants, including planting and maintenance*, kien hemm tlett offerti u wara li ttieħed il-parir tal-bord, l-offerta għandha tingħata lill-ELC.

25.4.10 Dwar *Call for quotations for Supervision, consultancy and project management of amenity horticulture and landscaping for the project Green Urban Areas*, kien hemm stima waħda ta' Joseph Bonello u wara li ttieħed il-parir tal-bord, dan ix-xogħol għandu jingħata lilu.

**25.5 *Tender* għall-*cleaner***

Għal din l-offerta intefgħu tlett tenders u jrid jinħatar bord għall-aġġudikazzjoni.

**25.6 *Tender* għal *trakk***

Is-Sindku għarraf lill-membri li din l-offerta reġa' ma tefagħha ħadd u qal li f'Malta u Għawdex hawn problema għax trakkijiet *right hand* mill-Ingilterra biss tista' ssib u minħabba Brexit mhux qed jinġabu. Jekk ma jkunx *second hand* il-prezz ma jkunx inqas minn €20,000. Dawk li jaħdmu bil-batteriji ma jkunux b'saħħithom. Il-Kunsill għandu jara x'inhi l-aħjar possibilita' f'din il-fażi.

**25.7 QIFF 2021**

Il-membri qablu li jinbdew il-preparamenti għall-festival tal-2021. Qablu li Josef Farrugia jkun il-ko-oridnatur u jitħallas €500.

**25.8 Attivita tal-Milied**

25.8.1 Il-membri qablu li Charlie Muscat għandu jitqabbad b'servizz tas-slitta tal-Milied u l-ħlas ikun ta' €250.

25.8.2 Wara l-inizjattiva li ttieħdet sabiex jitqassmu kotba lit-tfal tal-iskola primarja tal-Qala, Valerie Cassar Meilak issuġġeriet li jingħata ktieb lit-tfal tal-Qala li ma jattendux l-iskola tal-Qala. Il-membri qablu u għandu jsir avviż fuq *Facebook* bid-data u l-ħin ta' meta jkunu ser jitqassmu dawn il-kotba.

**25.9 *Eco-friendly shopping bags***

Is-Sindku ppropona li jitqassmu *eco-friendly shopping bags* f'kull residenza tal-Qala. Il-membri qablu li tinħareġ sejħa għall-kwotazzonijiet għal dan il-għan.

**25.10 Tkomplija tal-water culvert**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li jonqos l-*LA* mit-Taqsima tad-Dranaġġ. Żied li fi Triq it-28 t'April 1688, *pipe* wieħed ikun biżżejjed, pero' fi Triq il-Kunċiżżjoni jridu jittellgħu żewġ pajpijiet tal-400 sal-pjazza. Il-Perit għandu jżid l-ispejjeż ta' Triq it-28 t'April 1688 u l-istima totali tiġi mgħoddija lill-Ministeru għal Għawdex.

**25.11 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskedi tal-pagamenti**

Id-Deputat Segretarju Eżekuttiv qrat l-iskeda tal-pagamenti b'riferenza 14/2020 Il-Kunsill approva din l-iskeda.

**25.12 Mozzjonijiet**

Ma tressqux mozzjonijiet

**25.13 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss**

Il-laqgħa ntemmet fis-7:00 ta' filgħaxija u laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn 18 ta' Jannar 2021 fis-6:00 ta' filgħaxija.

(IFFIRMAT)

Paul Buttigieg
Sindku

(IFFIRMAT)

Miriam Attard
Deputat Segretarju Eżekuttiv

*Kunsill Lokali – Qala – Local Council*
*Ċentru Ċiviku*
*Triq l-Isqof Mikiel Buttiġieġ, Qala*
*Tel: 21552555 Fax: 21553232*
*Email: qala.lc@gov.mt*

to be attached as document A

Laqgħa 25
Dokument A

Data 15 ta' Dicembru 2020

Nixtieq nindirizza lill-Kunsill Lokali tal-Qala permezz ta' din l-ittra. Xi punti le se nsemmi ilhom ftit xhur li graw u ohrajn graw fl-laqghat eqreb tad-data tal-lum. Domt intella u nnizzel ghandix nghid certi affarijiet, pero se nghidhom ghax nemmen li isbah mill-verita ma hemmx.

1. Nixtieq nindirizza lil dan il-Kunsill billi nibda mil-ahhar laqgha tal-Kunsill li saret nhar it-18 ta' Novembru 2020, liema laqgha kellha l-ewwel issir fit-13 ta' Novembru fejn jien ma stajtx nattendi ghaliha ghax f'dik l-istess gurnata ommi dahlet b'urgenza l-isptar u kelli nwassalha Malta. Jien b'dan kollu avzajt lil Kunsill permezz ta' email minn gurnata qabel, liema chain of emails giet annessa mal-minuti tal-laqgha precedenti, kif tlabt jien. Kien hawn min b'mod malizjuz u bi hdura beda jispekula, jigdeb u jivvinta ragunijiet ohra ghalfejn jien ma attendejtx ghal l-ahhar laqgha. In-nies ta' hemm barra wasluli diversi kummenti li kien hawn min minnkom qal anke pubblikament. Kummenti bhal per ezempju li ma attendejtx ghax bzajt jew ghax kelli x'nahsbi jew sahansitra ghax ma ghadux jinteressani l-Kunsill. U jien nistaqsi lil dan il-Kunsill... minn min kelli nibza? Jien x'ghamilt li bih kelli nibza u ma nattendix? Qatt ma bzajt minn hadd u minix se nibda nibza issa. Taf meta nibza, meta jkolli l-istuzzjonijiet jigru warajja ghal irregolaritajiet li nkun ghamilt. Izda sa issa ghal grazzja ta' Alla qatt ma kelli ghalfejn nibza. Qatt ma bzajt naghmel dmiri u nistinka ghar-rahal twelidi, il-Qala.

   Ma kontx obbligat naghti dettalji tal-hajja personali u privata tieghi lil hadd, izda biex naqta barra dan il-gideb li intqal, kelli nsemmiha mhux biss fl-emails izda anke hawnhekk. Qed nipprezenta quddiem il-kunsill il-konferma u evidenza ta' dan kollu li ghadni kif ghedt. Araw id-data tad-dokument.

   Ghadni ma nistax nemmen kif sitwazzjoni bhal din kien hawn min ipprova jdawwarha minghalih ghal vantagg tieghu. Uhud jisparaw kliem bl-addogg u kif gie gie, Basta minghalihom ihammgu lil dak li jkun.

   U nsaqsi lil dan il-Kunsill, issa li ghandkom il-provi se jkun hawn min hu ragel u mara bizzejjed li jitlob skuza?

2. Nixtieq ukoll nirrimarka, kif tennejt drabi ohra waqt il-laqghat ta' dan il-Kunsill, li jien hawnhekk qiegħed nirraprezenta lili nnifsi u lill-poplu tal-Qala biss, li minnu gejt elett u lil hadd u xejn izjed. Li jkun hawn min b'mod malizjuz jipprova jrekkinni f'kantuniera sabiex naghti risposti dwar xoghol tieghi fil-Ministeru ghal Ghawdex, trid tieqaf. Dawn l-attakki xi drabi saru ukoll minn diversi membri tal-Kunsill f'daqqa, bhal meta qatta lpup jippruvaw idawru il-preda taghhom.

   U hawnhekk nsaqsi lil dan il-Kunsill "Jista jkun li dawn il-membri tal-Kunsill ikunu mifthemin minn qabel sabiex isiru dawn l-attakki kongunti fuqi?".

   Mill-banda l-ohra lil dawn il-membri tal-Kunsill nghidilhom, qatt ma bezzajtuni u lanqas se taqtghuli qalbi milli nkompli bil-hidma tieghi. Izda in-nies hemm barra qieghda tara u tosserva kollox. Jekk minghalikom li dak kollu li qed taghmlu qed

jghaddi inosservat, sejrin zball.

3. Punt iehor li xtaqt nitkellem fuqu huma l-inizjattivi li jien permezz tax-xoghol tieghi li mhux relatat mal-Kunsill, qed inwettaq fil-Qala. Nixtieq niccara li minix obbligat inressaq quddiem dan il-Kunsill xoghol tieghi li ma jsirx permezz tal-Kunsill. Kien hemm zmien fejn kont ninforma lil Kunsill b'kollox, izda x'gara? Gara li sibt min ipprova jkisser dawn l-inizjattivi li kienu se jkunu ta' gid ghal Qala. Kien hawn min ipprova jaghmel il-bsaten fir-roti, min ipprova jisraq ideat u anke min sahansitra ipprova jihu mertu ta' inizjattivi li hu ma kellu xejn x'jaqsam maghhom. Kull meta xi membru iehor tal-Kunsill hareg b'inizjattiva, jien dejjem issapportjajtkom u qbilt mal-ewwel. Fejn hu ta' gid ghal Qala u l-Qalin ma ghandu jkun hemm l-ebda prijorita personali ghola minn din. Dan huwa principju li jien haddant minn meta ddecidejt li nikkontesta l-elezzjoni tal-Kunsill fl-2019 u se nibqa nhaddnu sa l-ahhar gurnata li nkun parti minn dan il-Kunsill. Il-Qala u l-Qalin ghandhom ikunu l-ewwel u qabel kollox u kulhadd. Izda issa hareg bic-car li mhux kulhadd jimxi b'dan l-istess principju. Hawn min l-interessi tieghu personali jigu qabel il-gid tal-Qala u l-Qalin.

Nixtieq infakkar lil dan il-Kunsill li kull meta hdimt fuq inizjattivi tal-Kunsill, bhal Greening Urban Areas Project, fejn il-Kunsill se jkun qed jibbenefika minn fondi ta' madwar 30,000 sabiex ihawwel sigar u pjanti fil-Qala, liema fondi gew ghand dan il-Kunsill ghax kont jien li kellimt lil Ministru tal-Ambjent ta' dak inhar Jose Herrera u lis-Segreatarju Parlamentari ghal Agrikultura u Sajd ta' dak inhar Clint Camilleri, dejjem avzajt lill-Kunsill bil-passi kollha li kont qed nihu u fejn kien hemm bzonn tlabt l-approvazzjoni tal-Kunsill. Dan huwa miktub fil-minuti tal-laqghat precedenti. Fejn xi inizjattiva kienet relatata mal-Kunsill dejjem imxejt kif suppost.

Allura nsaqsi, jista jkun li xi membri tal-Kunsill isaqsuni kontinwament x'qed naghmel fix-xoghol tieghi li mhux isir permezz tal-Kunsill sabiex ikunu jistghu jippjanaw minn qabel kif se jtellfu u jfixklu?

Nixtieq nghid ukoll li jien sirt naf b'inizjattivi li membri ta' dan il-Kunsill qed jippjanaw u ma nfurmaw lil hadd, fejn anke marru kellmu lil diretturi jew persuni li jmexxu sezzjonijiet fic-civil. La qatt ma haqqata maghkom ghax ma gejniex infrumati bhala Kunsill, la qatt ktibt kritika fuq facebook u lanqas qatt ma attakkajthom waqt il-laqghat tal-Kunsill. Azni, nghidilkom, komplu ahdmu u stinkaw ghal Qala u l-Qalin u morru tkellmu fejn u ma min hemm il-bzonn.

Hawnhekkk nixtieq insemmi dawl tal-Milied – kulhadd issa qed jiftahar bih u jghid kemm gie sabih. U fil-fatt hekk hu, sabih hafna u nahseb hija wahda minn dawk is-snin fejn izzejnet il-Pjazza b'mod tant voluminuz. Pero l-ewwel darba li ssemmiet din l-inizjattiva waqt laqgha, kien hawn min ipprova jisraq l-idea u jfixkel u ippropona xi haga hu biex minghalih iwaqqaf il-hidma tieghi. U hawnhekk naghmel affermazzjoni li kieku dan it-tizjin ma sarx kien se jkun tort ta' min ipprova jfixkel.

U allura fl-ambitu ta' dan kollu jien insaqsi lil dan il-Kunsill, jista jkun li dawn l-inizjattivi li qed inwettaq fil-Qala qed idejqu lil xi uhud? Jista jkun li hawn min qieghed jghir? Jista jkun li hawn min qed jigi hawn u jghid li hemm bzonn nahdmu ma xulxin u minn wara l-kwinti hlief jizra l-firda ma jaghmilx sabiex wara f'sedi ohrajn u ma gruppi ohra ta' nies jghid li fil-Qala m'hu qieghed isir xejn? In-nies hemm barra qed tara u tifli kollox, u miskin hu min jahseb li qed jghaddi z-zmien b'xi hadd.

4. Nixtieq insemmi wkoll il-laqgha li saret mal-Ministru ghal Ghawdex, Clint Camilleri, liema laqgha kienet wahda pozittiva hafna, jew tal-inqas hafna minna hekk kitbu, anke fuq il-mezzi socjali. Nixtieq infakkar lil dan il-Kunsill li l-laqgha saret ghax ipproponejtha jien ghal diversi drabi u wara 3 xhur ta' attakki fuqi fejn anke gejt akkuzat b'certi affarijiet intortament, u wara hafna tkaxkir tas-saqajn minn naha ta' xi uhud, il-laqgha saret. Nixtieq insemmi mistoqsija li jien ghamilt lill-Ministru ghal Ghawdex dak inhar tal-laqgha mieghu, cioe, jekk jien kontx naf dwar live video li sar nhar l-1 ta' Novembru, Festa tal-Qaddisin kollha waqt il-Mixghela tal-Qaddisin fil-Pjazza tal-Qala. Fl-ahhar laqgha kien hawn min qal li jien kont naf minn qabel li se jsir dan il-live video u li xi membri ma gewx mistednin apposta sabiex jigu eskluzi. Il-Ministru ikkonferma li din hija gidba.

U allura nsaqsi lil dan il-Kunsill kif xi membri jaslu jigdbu u jharrfu meta ma jkunux certi mill-fatti. Ghandi ma nistax nifhem min gideb kif wasal ghal konkluzjonijiet tieghu fejn membru ta' dan il-Kunsill sahansitra qalli li hu qal hekk fl-ahhar laqgha ghax Kunsillier iehor hekk qallu u hu qaghad fuq kliemu. Kemm nisma affarijiet jien hemm barra u kemm inkun naf affarijiet, pero qatt ma gejt hawn nigdeb fuqkom.

Ftit granet ilu meta nxtghelet is-sigra tal-Milied tal-Kuncizzjoni, saret attivita zghira improvizzata. Jien ktibt pubblikament li ma stajtx nattendi ghax kont naf saghtejn qabel u kellim impenji ohra. Kien hawn min anke kitibli lura fuq il-mezzi socjali li xi drabi ahjar isiru affarijiet improvizzati. Mela meta taghmluhom intom l-imporvizzazjonijiet huma tajbin izda meta jaghmilhom haddiehor tiktbu fuq il-mezzi socjali li saru b-malizzja biex jeskludu lil xi uhud u tigu hawn tigdbu li kien hawn min kien jaf u li halliekom barra apposta.

5. Punt iehor li xtaqt insemmi huwa id-diskrepanza qawwija, bejn dak li xi uhud jghidu hawn waqt il-laqghat tal-Kunsill, dak li jghidu hemm barra u dak li jaghmlu. Qed ninnota wkoll li xi membri jghazlu meta jitkellmu u meta le, u meta jitfghu il-kritika fuq is-social media u meta le. Naghti ezempju. Hadd ma kkritika u tefa ritratti fuq is-social media tad-dizastru li hemm fil-gnien playingfield Salvu Attard. Gimgha qabel l-elezzjoni tal-2019 kien hawn min habbar li x-xoghol kellu jibda. Qieghdin Dicembru 2020 u sa fejn naf jien il-playingfield ghadu fi stat ta' dizastru. Xbajt niltaqa ma nies fejn jghiduli li hemm bzonn issir xi haga. Lanqas ghadni naf kif ser inwiegeb ghal certi mistoqsijiet ghax ma hemm l-ebda skuza.

Allura nghid jien dawk il-membri li kienu tant vociferi fuq affarijiet ohra, kif fuq dan il-gnien sa issa baqghu siekta? Hadd ma mar jihu ritratti tat-telqa li hemm u jitfahhom fuq is-social media biex jikritika. Tghid ghaliex le? Forsi ghax jekk jaghmlu hekk ma jibqghux fil-grazzja ta' xi uhud ohra? Tigux wara tghiduli "ghax in-nies qed jghidu li niffavorixxi li dak jew lejn l-iehor, u mhux fair li n-nies jahsbu hekk. Lil dawn nghidilhom, in-nies tosserva kemm meta ahna naghzlu li nitkellmu u anke meta naghzlu li nibqghu siekta u jaghmlu l-konkluzjonijiet taghhom.

Kien hawn min ftit laqghat ilu gie jiprofessa lezzjoni fil-moral u l-etika u kif jahsbu li ghandna nimxu ghas skond dawn il-persuni u nikkwota 'qed indahhqu n-nies bina'. Xi ftit laqghat ilu gie msemmi li il-minority group huma ta ezempju f'dan il-Kunsill u dan wara li xi laqghat qabel jien gejt akkuzat li qed indahhal il-politika fil-Kunsill. Mela ghax jien lissint il-kliem ahna u intom, skond din il-persuna dahhalt il-politika, pero din l-istess persuna tista tigi hawn tghidilna li l-minority group huma ta' ezempju u dik mhix politika. Meta jaqblilna

nakkuzaw mod, pero wara hallina li naghmlu ahna l-stess haga u ma rridux min jghid li qed naghmlu hazin.

Nahseb ahjar milli nippuntaw subghajna l-ewwel naghmlu ezami tal-kuxjenza. Nerga nsaqsi.... Jista jkun li dan il-Kunsill, skond kif qalet din il-persuna sejjer daqshekk hazin ghax hu stess jaghti pariri hziena lil xi kunsielliera ohra? U jista jkun li dan isir bi skop biex itelllef il-hidma tal-Kunsill? Nerga nghid in-nies hemm barra qieghda tara u tosserva kollox. Cuc hu dak li jahseb li jista jidhaq bin-nies

Se naghlaq din l-ittra tieghi hawn. Nispicca billi nghid li minkejja dan kollu li qrajt issa, jien ma naqtax qalbi li dan il-Kunsill jista jahdem ahjar flimkien. Kollha kemm ahna nizbaljaw, inkluz jien. Minix insemmi dan kollu biex nitfa akkuzi jew biex nivvitmizza ruhi, izda sabiex dak li nghidu u dak li naghmlu jibda isir b'izjed reqqa.  Inhares il-quddiem ghal izjed hidma maghkom sabiex il-Qala u l-Qalin dejjem jimxu il-quddiem.

Joseph Buttigieg

Kunsillier

Kunsill Lokali Qala